MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 14/2012

**A G**
**vs**
**B C f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri Q C u Y C; X C u d-Direttur tar-Registru**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta :-

1. Illi minn relazzjoni li l-konvenuta kellha barra z-zwieg, mal-attur twieldu tewmin Y u Qle maghrufa bil-kunjom C, nhar is-sebgha (7) ta' April tas-sena elfejn u disgha (2009);

2. Illi billi l-istess tewmin minuri twieldu entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, gew registrati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Atti tat-Twelid taghhom, bhala ulied il-konvenut X C;

3. Illi meta t-tewmin Y u Qle maghrufin bil-kunjom C gew ikkoncepiti, l-konvenuta B C u zewgha l-konvenut X C kienu mifruda *de facto* u kienu qed jghixu f'zewg residenzi differenti wara illi z-zwieg taghhom kien sfaxxa rrimedjabbilment sahansitra diversi snin qabel;

4. Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq inqas rapporti intimi bejn l-konvenuta B C u l-konvenut X C;

5. Ghalhekk il-konvenut X C ma jistax ikun missier il-minuri Y u Qle maghrufin bil-kunjom C, peress illi hu u l-konvenuta B C ma kellhomx rapport intimi bejn it-tlett-(300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tal-minuri, u ghalhekk il-konvenut kien effitivament fl-impossibilita' fizika li jghammar mal-konvenuta B C minhabba li kien boghod minnha;

6. Illi effetivament, missienr il-minuri Y maghrufin bil-kunjom C huwa l-attur A G, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess u Y u Qle gew ikkoncepiti, l-attur u l-konvenuta B C, ghalkemm mhux mizzewgin bejniethom kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sallum;

7. Illi l-attur qieghed minn issa jiddikjara id-disponibilita tieghu ghal kwalsiasi testijiet u provi genetici u xjentifici rikjest mil-Ligi u minn dina l-Onorabbli Qorti;

8. Illi skond *DNA Paternity Test Report* maghmul minn MLSB*io*DNA Limited, irrizulta illi l-attur A G huwa l-missier biologiku tat-tewmin minuri Y u Qle maghrufin bil-kunjom C;

9. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-attur;

10. Illi l-attur gie debitament awtorizzat jipprezenta din il-procedura a bazi ta’ digriet datat tmienja u ghoxrin (28) ta’ Dicembru 2011;

11. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-

(a) L-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri Y u Qle huma effittivament ulied l-attur A G maghrufin bil-kunjom C.

(b) Konsegwentement jigi korrett- l-Att tat-Twelid sabiex jirrifletti din il-verita dwar il-paternita’ tal-minuri.

Talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur A G huwa l-missier naturali tal-minuri Y u Qle maghrufin bil-kunjom C;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri Y u Qle prezentement maghrufin bil-kunjom C.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab lill-Qorti tahtar u tinnomina l-omm B C bhala kuratrici tal-minuri Y u Qle.

Rat it-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2012 fejn laqghet it-talba u hatret u innominat lil B C bhala kuratrici sabiex tal-minuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-d-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha espona li:

1. S*tante* l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri Y u Qle, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) *ai* termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tal-attur u tal-minuri Y u Qle tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illi preliminarjament id-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrileva, li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal- minuri Y u Qle, mhuwiex natrualment edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-salvju gudizzju ta' Din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri Y u Qle, l-konvenuta B C kienet wettqet adulterju mal-attur A G u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludi lir-ragel tal-intimata X C bhala l-missier natural ital-imsemmi minuri Y u Qle, u dan *ai termini* tal-artikolu 77A tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal- Kap 16 tal-ligijiet ta' maltabilli adegwentement u konvincentement juru li l-

pussess ta stat tal-minuri Y u Qle ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suriferit, id-Direttur jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tad-Direttur u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat in-nota tal-konvenut X C tat-8 ta' Mejju 2012 (fol.57) fejn iddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici salv li m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat.

**Provi.**

L-attur xehed li qieghed f'relazzjoni ma' l-konvenuta B C li hi mizzewga lil X C li izda ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni legali. Din ir-relazzjoni bdiet fl-2007 meta l-konvenuta B C ghalkemm mizzewga kienet ilha tghix ghar-rasa go residenza ghaliha peress li kienet *de facto* separata minn mar-ragel taghha X C. F'din il-hajja mifruda ma kienx hemm rapport intimi bejn il-konjugi C. Minn din ir-relazzjoni twieldu tewmin nhar is-7 ta' April 2009. Peress li s-separazzjoni ma kienetx separazzjoni legali isem ir-ragel ta' l-omm kellu jitnizzel bhala missier it-trabi tewmin. Kien ghalhekk mehtieg li tigi ntavolata kawza ta' filjazzjoni sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Y u Qle jiccertifika minn verament huwa missierhom.

Jistqarr li hu, l-konvenuta u t-tewmin jghixu flimkien u minn dejjem kellu relazzjoni tajba maghhom u dejjem kien prezenti sa minn meta twieldu sallum.

L-konvenuta B C tikkonferma dawn il-fatti u tikkonferma ukoll li l-missier naturali ta’ Y u Qle huwa l-attur A G u fil-fatt A G ghandu relazzjoni tajba maghhom u ilu jiehu hsiebhom sa mit-twelid taghhom.

L-konvenut X C jaqbel mat-talbiet tal-attur peress li t-tewmin minuri mhumiex it-tfal tieghu u jikkonferma li iz-zwieg tieghu mal-konvenuta B C kien tkisser u ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar sitt snin u qatt ma kellhom kuntatt u wisq izjed relazzjoni intima flimkien.

Digriet datat 8 ta’ Frar 2012 laqa’ talba precedenti ta’ l-attur, biex jipprocedi b’kawza ghad-dikjarazzjoni ta’ paternita.
F-25 ta’ Ottubru 2012, l-analista Dr Marisa Cassar ezebit taht gurament, ‘’DNA Paternity Test Report’’ rilaxxjat minnha, li jiccertifika li l-probabilita li l-attur A G huwa missier naturalit tal-minuri tewmin Y u Qle hi ta’ 99.9999%

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok jirrizulta li l-kawza giet intavolata fit-terminu legali dettat mill-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi;

*“kull min jghid li huwa l-missier naturali ta’ tifel mwieled fiz-zwieg, jew il-werrieta tieghu, jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista jmexxi b’rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-mara, ir-ragel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi taghhom jekk xi hadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm–il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju mieghu u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista; wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x’aktarx jeskludu lir-ragel taghha bhala l-missier naturali tat-tifel.”*

Jirrizulta wkoll li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-terminu tal-artikolu 77C tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:-

*“F’kazijiet ta’ dikjarazzjoni ta’ paternita’ il-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg, jew il mara skont il-kaz, jistghu jipproocedu b’kawza ghal dikjarazzjoni ta’ paternita jekk huma jressqu r-rikors guramentat taghhom fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:*

*Izda l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tista’ wara li jsir rikors mill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara lt tkun semghet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, f’kull zmien tawtorizza lill-persuna li tghid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiz-zwieg jew lill-mara biex jibdew kawza ghal dikjarazzjoni ta’ paternita kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B”*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta’ att tat-twelid l-Qorti hija fid-dover timxi b’kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta’ talba ghad-dikjarazzjoni ta’ paternita twassal ghal krejazzjoni ta’ qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta’ dik attwali.

Sabiex l-azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77A u 77C fuq citat tirnexxi jehtieg illi jigu sodisfatti is-segwenti hames rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-attur tigi preceduta b’rikors generali fejn tintalab l-awtorizzazzjoni biex jigu istitwiti procedure gudizzjarji ta’ denegata paternita’ u dan stante li r-rikors guramentat ma giex intavolat entro sitt xhur mit-twelid tal-minuri.

2. Wara d-digriet fejn tintlaqa’ it-talba jigi ntavolat rikors guramentat istitwit kontra (a) il-mara, (b) ir-ragel taghha u (c) il-wild taghha jew kuraturi jekk hu minorenni.

3. Trid issir il-prova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, il-mara

kienet wettqet adulterju u barra minn hekk trid issir il-prova, li jista wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jeskludu lir-ragel bhala l-missier naturali tat-tifel.

4. Trid issir il-prova, li tista' tkun wkoll bi provi genetici u xjentifici li juru li l-attur huwa l-missier naturali tal-wild.

Mill-atti jirrizulta li l-erba' rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. tilqa l-ewwel talba ta' l-attur u tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur A G huwa l-missier naturali tal-minuri Y u Qle maghrufin bil-kunjom C u mhux il-konvenut X C.

2. Tilqa t-tieni talba fl-intier taghha u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri Y u Qle prezentement maghrufin bil-kunjom C.

L-ispejjes kollha a kariku tal-attur A G u l-konvenuta B C f'ishma indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------